**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**24 ta' Jannar, 2021**

# L-ART U L-KTIEB

F'dan is-Sibt u l-Ħadd fil-parroċċa tagħna qegħdin niċċelebraw Jum l-Art Imqaddsa u l-Ħadd tal-Kelma ta' Alla. Meta ngħidu "l-Art Imqaddsa" ma nifhmux biss l-artijiet u l-bini li hemm jieħdu ħsiebhom il-Patrijiet Franġiskani Minuri sa mill-bidu tas-seklu 13. Din diġà hija ħaġa qaddisa għax il-Franġiskani huma responsabbli ta' postijiet li mess magħhom Ġesù Kristu nnifsu. Barra li l-Kustodja tal-Art Imqaddsa - għax hekk tissejjaħ il-Provinċja Franġiskana li taħdem hemm - tieħu ħsieb postijiet bħall-qabar ta' Kristu, il-Franġiskani jagħmlu xogħol importanti mal-pellegrini li jmorru fl-Art Imqaddsa, iwettqu xogħol fl-iskejjel u ċ-ċentri soċjali li għandhom, jippromovu l-istudji Bibliċi li jgħinu lil ħafna Nsara li bil-gwerer riċenti qed ibatu bil-bosta fil-Libanu, is-Sirja u f'postijiet oħrajn fil-madwar.




F'ittra li kiteb il-Papa Franġisku meta s-sena l-oħra nieda Jum il-Bibbja, hu qalilna li "mingħajr l-Iskrittura Mqaddsa nibqgħu ma nifhmux il-ġrajjiet tal-missjoni ta' Ġesù". F'din l-Ittra Apostolika l-Papa fakkarna wkoll f'dak li kien qal San Ġilormu li 1600 sena ilu kien mar jgħix fl-għar ta' Betlehem: "Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu".

Kemm tkun ħaġa sabiħa li xi darba f'ħajjitna nagħmlu żjara fl-Art Imqaddsa. U kemm tkun ħaġa isbaħ li naqbdu l-Bibbja f'idejna kuljum, naqrawha, nimmeditawha u nħalluha tmexxina.

***L-Arċipriet***

**ROKNA EKOLOĠIKA:**
Fis-snin li għaddew f'Malta u Għawdex mietu mijiet ta' siġar tal-palm. L-insett li kien il-kawża ta' din il-qirda kien il-Bummunqar l-Aħmar. Aktarx li dan ġie minn barra minn xtutna f'xi xtieli impurtati.
Moral tal-istorja: mhux kulma jiġi minn barra huwa tajjeb.

## AVVIŻI OĦRA:

**JUM L-ART IMQADDSA:** il-ġabra tal-knisja ta' dan il-weekend, 23 u 24 ta' Jannar se tkun għall-Art Imqaddsa.

**IL-MASKRA:** Xi wħud li jiġu l-knisja ġibdulna l-attenzjoni biex infakkrukom li l-maskra trid tintlibes waqt il-quddiesa u li trid tgħatti l-imnieħer ukoll. Żgur li dan ikun ta' sagrifiċċju għal ħafna imma f'dan il-mument tal-pandemija għandna nieħdu ħsieb xulxin.

**IT-TQARBIN TAL-MORDA:** Nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar, saret laqgħa tal-presbiterju tal-parroċċa u ġie deċiż li għalissa s-saċerdoti ma jmorrux għand il-morda bit-tqarbin imqaddes. Dawk il-persuni li jridu jqarbnu l-morda fil-familji għandhom ikellmu lil xi saċerdot fl-Uffiċċju Parrokkjali.
Għad baqgħalna xi teki għal min irid iwassal it-tqarbin lill-membri tal-familja. Kellmu lil xi ħadd fl-Uffiċċju Parrokkali.

**IL-BIBBJA ĠĠIB BARKA:** Ftit ilu ġiet ippubblikata edizzjoni ġdida tal-Bibbja. Tistgħu tixtru kopja ta' qoxra iebsa jew edizzjoni paperback.

**GĦOTI TAD-DEMM:** fil-berġa tax-Xewkija jmiss nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar mis-1:00 sal-5:00pm imbagħad il-Ħadd 31 ta' Jannar mit-8:00am sas-1:00pm. Kull min imur irid jieħu miegħu l-karta tal-identità jew il-passaport. Għal serħan il-moħħ qed jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikun protett kemm id-donatur kif ukoll kull professjonist li jassistih. Dawk li qed jistennew biex jagħmlu s-swab test jew jistennew ir-riżultat tiegħu ma jistgħux jagħtu demm għal perjodu temporanju.

**SENA ĊENTINARJA - 15:** Forsi kont tattendi f'xi praesidium tal-Leġjun ta' Marija, Imbierka fost in-Nisa, Madonna Addolorata jew Omm l-Ewkaristija? Kuraġġ jekk għadek, erġa' tħajjar jekk ħallejt. Qatt mhu tard.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am